# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 4 ta' Lulju, 2024**

**Numru: 14**

**Rikors Ġuramentat Nru. 868/2020**

**Fonicom Limited**

**v**

**B&G Group Limited**

1. Il-qorti reġgħet rat ir-rikors tal-4 ta' Ġunju 2024 ta' Fonicom Limited ("Fonicom") u rat ir-risposta ta' B&G Group Limited ("B&G") tas-27 ta' Ġunju 2024.

2. Il-prova ta' fatt hi fuq min jallegaha.

3. F'dan il-każ, Fonicom tgħid li (i) tat servizzi lil B&G li għalihom ma thallsitx, jew ma tħallsitx kompletament; u (ii) li kien jeżisti kuntratt ta' ċerta durata, liema kuntratt B&G kisritu meta tterminatu qabel iż-żmien u għalhekk għandha dritt għad-danni li rriżultaw minn dan il-ksur.

4. B& G tilqa' għall-pretensjonijiet ta' Fonicom billi tgħid, fost affarijiet oħra, li Fonicom ma kienitx kapaċi tonora, u fil-fatt ma onoratx, il-kuntratt li kien jeżisti bejn il-partijiet u li, minħabba f'hekk, kellha d-dritt li titterminah. Tgħid ukoll (imma dan il-punt mhux wisq rilevanti għall-kwistjoni li għandha quddiemha l-qorti) li l-ħlas dovut għas-servizzi attwalment mogħtija qabel it-terminazzjoni hu iktar baxx minn dak li għalih Fonicom ħarġet kontijiet.

5. Fil-qosor, il-provi li trid tressaq Fonicom huma dawn: (i) li kien hemm kuntratt tad-durata allegta; (ii) li tat is-servizzi li tgħid li tat, u li l-valur tagħhom hu skont il-kontijiet maħruga, u li dawn nħarġu skont il-kuntratt; u (iii) li B&G itterminat il-kuntratt qabel il-waqt; u (iv) li B&G ikkawżat danni riżultanti minn tali ksur, u l-kwantifikazzjoni tagħhom.

6. Mhux mistenni minn Fonicom li tipprova n-negattiv: fi kliem ieħor, li hi ma kisritx il-kuntratt, jew għaliex ma kienitx f'pożizzjoni li tonorah, jew għaliex fil-fatt ma onoratux, jew it-tnejn.

7. Billi hi B&G li tallega li Fonicom kisret il-kuntratt, il-prova f'dan ir-rigward tinkombi fuqha. Għalhekk, hekk kif Fonicom tagħmel il-każ tagħha, l-oneru jinqaleb fuq Fonicom. Naturalment, Fonicom jkollha dritt, sussegwentement, li tressaq provi kontrarji għal dawk imressqa minn B&G.

Għalhekk, il-qorti qiegħda tilqa' t-talba b'dan li d-dokumenti li trid tressaq Fonicom (li l-qorti ma ħarsitx lejhom, għaliex ma kellhomx jitressqu mar-rikors, imma kellhom jitressqu biss jekk jintlaqa' r-rikors), għandha tressaqhom mill-ġdid.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur